L-Akkademja tal-Malti

Taħdem biex iġġib 'il quddiem il-qagħda tal-Malti bħala lsien nazzjonali fl-oqsma kollha tal-ħajja.

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

**Il-Professur Gużè Aquilina mfakkar fil-Munxar**

Nhar il-Ġimgħa filgħaxija, 20 ta' Ottubru 2023, l-Akkademja tal-Malti organizzat serata mużiko-letterarja b'omaġġ lill-Professur Gużè Aquilina fil-knisja tal-Munxar, raħal twelidu.

Il-poeta Charles Bezzina u l-Kav. Joe M. Attard, żewġ membri Għawdxin fl-Akkademja, ħadu din l-inizjattiva biex jitfakkar dan l-istudjuż Għawdxi.

Matul is-serata inqraw diversi siltiet minn xogħlijiet tal-Prof. Aquilina awtur fost oħrajn, ta' diversi drammi, poeżiji, rumanzi, essays, studji ta' kritika letterarja, xogħlijiet lingwistiċi u fuq kollox, ta' wieħed mill-aqwa dizzjunarji li għandna.

Kienu diversi l-qarrejja Għawdxin li ħadu sehem f'din is-serata billi qraw xogħlijiet tal-Prof. Aquilina. Is-serata kienet imżewqa b'interventi mużikali mis-Sopran Għawdxija Rosabelle Pavia akkumpanjata mill-vjolinista Pierre Louis Attard u l-organista Ivan Attard. Fi tmiem is-serata għamel kelmtejn ta' radd il-ħajr il-Kappillan tal-parroċċa ta' San Pawl Nawfragu fil-Munxar Dun Anton Refalo.

Għalaq is-serata l-President tal-Akkademja tal-Malti Dr George Farrugia li tkellem dwar is-siwi ta' serati bħal dawn biex jitfakkru persunaġġi li taw kontribut f'xi qasam jew ieħor tal-Malti. Fil-kelmtejn tiegħu tkellem dwar il-kontribut imprezzabbli tal-Professur Gużè Aquilina li xogħlijietu u kitbietu, l-aktar fil-qasam

12.App. 1
Dar Doreen Micallef
Triq Sant' Andrija
Il-Belt Valletta VLT 1341

info@akkademjatalmalti.org fb.com/akkademjatalmalti www.akkademjatalmalti.org

tal-lingwa u l-lingwistika, għandhom post ewlieni fl-istudju tal-Malti u għadhom relevanti sal-lum.

Bosta parruċċani, membri tal-Akkademja tal-Malti, u persuni distinti attendew għal din is-serata ta’ madwar siegħa u nofs.

---

21.10.2023

12.App. 1
Dar Doreen Micallef
Triq Sant’ Andrija
Il-Belt Valletta VLT 1341

info@akkademjatalmalti.org

fb.com/akkademjatalmalti

www.akkademjatalmalti.org